REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2194

tat-13 ta' Diċembru 2021

]li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Il-Kunsill għadu mħasseb serjament dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja.

(3) Il-Grupp Wagner, entità militari privata mhux inkorporata bbażata r-Russja, jagħti kontribut kruċjali għall-isforzi tal-gwerra ta' Bashar al-Assad fis-Sirja, b'mod partikolari billi jħarreġ u jmexxi l-forzi Sirjani u l-milizzji affiljati mar-reġim.

(4) Il-Kunsill iqis li żewġ persuni involuti fl-operazzjonijiet militari tal-grupp Wagner fis-Sirja, kif ukoll tliet kumpanniji li jibbenefikaw mir-reġim Sirjan u li jappoġġawh jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"316.	Andrey Nikolaevich TROSHEV (magħruf ukoll bħala Andrei Mykolayvych TROSHEV) Андрей Николаевич ТРОШЕВ	Pożizzjoni(jiet): Kurunell irtirat, Membru fundatur u Direttur Eżekuttiv (Kap tal-Persunal) tal-Grupp Wagner; Grad: Kurunell irtirat; Sinjal tas-sejħa: Siedoy; Data tat-twelid: 5.4.1953; Post tat-twelid: Leningrad, l-ex USSR (issa l-Federazzjoni Russa); Nazzjonalità: Russa; Qraba/Assoċjati: Dimitriy Utkin (Fundatur tal-Grupp Wagner); Andrey Bogatov (Kap tar-raba' Kumpanija ta' Attakk u Rikonjizzjoni tal-Grupp Wagner), Aleksandr Sergeevich Kuznetsov (Kmandant tal-Ewwel Kumpanija ta' Attakk u Rikonjizzjoni tal-Grupp Wagner); Sess: raġel	Direttur Eżekuttiv (Kap tal-Persunal) tal-Grupp Wagner, li jopera fis-Sirja u jħarreġ u jmexxi l-forzi Sirjani. Il-Grupp Wagner jappoġġa wkoll lir-reġim ta' Assad u jiġġieled flimkien mal-milizzji affiljati mar-reġim u l-armata Sirjana. Andrey Troshev huwa involut direttament fl-operazzjonijiet militari tal-Grupp Wagner fis-Sirja. Huwa kien partikolarment involut fiż-żona ta' Deir ez-Zor. Bħala tali, huwa jipprovdi kontribut kruċjali għall-isforz tal-gwerra ta' Bashar al-Assad u għalhekk jappoġġa u jibbenefika mir-reġim Sirjan.	13.12.2021
317.	Andrey Mikhailovich BOGATOV (magħruf ukoll bħala Andrei Mychailovych BOGATOV) Андрей Михайлович БОГАТОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap tar-Raba' Kumpanija ta' Rikonjizzjoni u Attakk tal- Grupp Wagner Sinjal tas-sejħa: Brodiaga Karta tal-Identità tal-Grupp Wagner: M-1601; Data tat-twelid: 14.6.1964; Post tat-twelid: Stary Oskol, reġjun ta' Belgorod, l-ex USSR (issa l-Federazzjoni Russa); Nazzjonalità: Russa; Qraba/Assoċjati: Dimitriy Utkin (Fondatur tal-Grupp Wagner); Andrey Nikolaevich Troshev (Membru fundatur u Direttur Eżekuttiv (Chief of Staff) tal-Grupp Wagner), Aleksandr Sergeevich Kuznetsov (Kmandant tal-Ewwel Kumpanija ta' Attakk u Rikonjizzjoni tal-Grupp Wagner); Sess: raġel	Kap tar-Raba' Kumpanija ta' Attakk u Rikonjizzjoni tal-Grupp Wagner, li jopera fis-Sirja u jħarreġ u jmexxi l-forzi Sirjani. Il-Grupp Wagner jappoġġa wkoll lir-reġim ta' Assad u jiġġieled flimkien mal-milizzji affiljati mar-reġim u l-armata Sirjana. Andrey Bogatov jikkmanda l-operazzjonijiet tal-Grupp Wagner u huwa direttament involut fl-operazzjonijiet militari tal-Grupp Wagner fis-Sirja. Huwa kien partikolarment involut fil-gwerra ta' Palmira. Bħala tali, huwa jagħti kontribut kruċjali għall-isforz tal-gwerra ta' Bashar al-Assad u għalhekk jappoġġa u jibbenefika mir-reġim Sirjan.	13.12.2021"

(2) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima B (entitajiet):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"79.	Velada LLC ООО Велада	Indirizz: Ochakovskoye Shosse, Dom 28, Building 2, Local 3, Room 8, Moscow, 119530, Russian Federation; Data tal-ħolqien: 29.6.2015	Velada LLC hija kumpannija privata li hija involuta fis-settur taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. F'Diċembru 2019, il-parlament Sirjan approva kuntratt li jagħti lil Velada LLC id-dritt li tiżviluppa ż-żejt u l-gass fis-Sirja, inkluż f'depożiti taż-żejt fiż-żoni kkontrollati mir-reġim fil-Grigal tas-Sirja u depożitu tal-gass fit-Tramuntana ta' Damasku. B'hekk, tibbenefika mir-reġim Sirjan jew tappoġġah.	13.12.2021
80.	Mercury LLC ООО Меркурий	Indirizz: Leninsky Prospekt, Dom 137, Building 1, Local 2, Room 5, Moscow, Russian Federation;	Mercury LLC hija kumpanija privata involuta fis-settur taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. F'Diċembru 2019, il-parlament Sirjan approva kuntratt li jagħti lil Mercury LLC id-dritt li tiżviluppa ż-żejt u l-gass fis-Sirja, inkluż f'depożiti taż-żejt fiż-żoni kkontrollati mir-reġim fil-Grigal tas-Sirja u depożitu tal-gass fit-Tramuntana ta' Damasku. B'hekk, tibbenefika mir-reġim Sirjan jew tappoġġah.	13.12.2021
81.	Evro Polis LLC ООО Евро Полис	Indirizz: Ulitsa Bratev, Gozozankinykh, Dom 2B, Pomeshchenie 3.1., Krasnogorsk, 143409, Russia Federation; Qraba/Assoċjati: General Petroleum Corp.	Evro Polis LLC hija kumpanija privata, marbuta mal-Grupp Wagner fis-Sirja, involuta fis-setturi tal-minjieri, taż-żejt u tal-gass fis-Sirja. Evro Polis LLC tintuża bħala faċċata għall-Grupp Wagner fis-Sirja. Iffirmat għadd ta' kuntratti mar-reġim Sirjan, permezz tal-proprjetà tal-istat General Petroleum Corp., li minnha tirċievi 25 % tad-dħul mill-produzzjoni taż-żejt u l-gass f'depożiti maqbuda mill-Grupp Wagner. B'hekk, tibbenefika mir-reġim Sirjan jew tappoġġah.	13.12.2021"